MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2109/2002

***SMS Insurance Agency Ltd bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Sonia Pace***

***vs***

***Angelo Attard***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' mitejn u dsatax-il lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm219.52c) rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh f'Hal Qormi nhar il-14 ta' Gunju 2001 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-mutur ANG 051 habat mal-vettura JAZ 367 misjuqa minn Sonia Pace, ghal liema incident il-konvenut kien

unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Lulju 2002 u dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ PS 364 Joseph Mangani, li kien l-ufficjal tal-pulizija li hejja l-iskizz tal-habta u r-*road accident report,* liema dokumenti huwa ezebixxa bhala Dokumenti JM1 u JM2.  Sema’ wkoll ix-xhieda ta’ Dr. Carmel Chricop ghas-socjeta’ attrici nomine li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ r-*road accident report* flimkien ma’ l-iskizz ta’ l-incident, flimkien mal-prospett tad-danni sofferti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’

mitejn u dsatax-il lira Maltin u tnejn u hamsin cenetzmu (Lm219.52c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Lulju 2002, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz ghan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------